MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 15/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Godwin Vella**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm369.27) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21579706 (C/N 1046945), liema servizz gie installat fil-flat bin-numru (8) Bellizzi Estate, Triq San Aristarku, Bugibba, San Pawl il-Bahar, Malta, skond kif jidher mill-kopja tas-service agreement hawn anness u immarkat bhala dokument ‘A’.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra l-ammissjoni tal-konvenut prezenti fl-awla li izda talab zmien ghall-hlas.

Ra li s-socjeta' attrici rrimettiet ruhha.

Jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba kif dedotta fl-avviz tat-talba, jikkundanna lill-konvenut ghall-hklas ta' LM369.27 minnu dovuti in konnessjon ma' servizz tat-telefon istallat fil-Flat 8, Bellizzi Estate, Triq San Aristarku, Bugibba, bl-ispejejz komprizi dawk tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv. Is-sorte u spejjez jithallsu bir-rata ta' LM50 fix-xahar, l-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum izda jekk il-konvenut jonqos li jhallas xi pagament fiz-zmien lilu koncess l-ammont dovut jew bilanc tal-ammont dovut isir kollu dovut f'daqqa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------